# 7. IL-WEGHDA ISSIR REALTA’



Wara l-voti perpetwi taghha Swor Fawstina baqghet gewwa Krakovja ghal kwazi xahar u hadet vantagg mis-servizz ta’ Fr Józef Andrasz SJ li bhal Father Edmund Elter ikkonfermalha t-twemmin taghha, li d-dehriet kienu genwini u taha parir li tibqa’ fidila lejn il-grazzja ta’ Alla u tkun ubbidjenti. Lejn tmien ix-xahar ta’ Mejju tas-sena 1933 baghtuha gewwa Vilnius. Fi triqtha hija waqfet gewwa Częstochowa biex tafda hajjitha u l-missjoni taghha li rceviet minghand Gesu’ f’id Marija. F’Vilnius Swor Fawstina kellha tahdem fil-gnien; ma kellha ebda esperjenza tal-biedja. Accettat ir-rieda ta’ Alla bi spirtu ta’ fidi u afdat f’Gesu’; kellha tama u fiducja li Gesu’ ser jghinha u jgibha qrib lejn in-

nies li jghidulha meta hu zmien li tizra' il-fjuri u l-haxix fil-gnien. Pero' dan ma kienx l-akbar problema ghaliha.  Kellha herqa kbira li taqta' ix-xewqa ta' Gesu' dwar il-pittura u l-missjoni taghha. Stenniet ghas-sacerdot li Huwa weghdha u l-opportunit' li taghmel il-pittura tal-Hanin Gesu' skont l-istruzzjonijiet tieghu. Hija tikteb fid-djarju taghha li waslet il-gimgha li fiha tersaq lejn is-sagrament tal-qrar u b'ferh kbir ta' qalbha rat is-sacerdot li diga kienet taf qabel ma giet gewwa Vilnius.  Kont nafu ghaliex rajtu f'dehra.

*F'dak il-mument smajt dawn il-kliem fir-ruh tieghi: " Dan hu l-qaddej fidil tieghi. Huwa jghinek biex twettaq ir-rieda tieghi hawn fuq l-art." (Djarju 263).* Fr Michal Sopoćko kien id-direttur spiritwali u kappillan fis-seminarju ta' Vilinus u konfessur ta' diversi kongregazzjonijiet religjuzi, inkluz id-Dar Antokol tal-Kongregazzjoni tas-Sorijiet tas-Sinjura tal-Hniena.

Kien konfessur ta' ghaqal kbir; Fr. Sopoćko l-ewwel studja l-penitent biex ma jitqarraqx b'xi deluzjonijiet jew fantasiji li jkunu gejjin minn naha tan-natura. Huwa kkonsulta mal-Madre Superjura Irena Krzyżanowska dwar Swaor Fawstina u talab ukoll li jsirilha ezami dwar is-sahha mentali u fizika taghha.

Dr. Helenka Maciejewska li ghamlitilha dawn l-ezamijiet tarrfet ir-rizultat taghha; instab li l-opinjonijiet taghha kienu kollha favur Swor Fawstina. Madanakollu Fr Sopoćko stenna ghal ftit taz-zmien iehor. Minn naha tieghu ma setghax jiddeciedi u waqt li huwa talab, huwa fittex il-pariri ta' sacerdoti ghaqlin f'dawn il-materji, filwaqt li zamm il-partikularitajiet ta' dawn il-vizjonijiet u tal-penitent kunfidenzjalment ghalih.

Finalment, kif stqarr aktar tard: " Aktar minhabba l-kurzita' milli mill-konvinzjoni ta' l-awtenticita' tad-dehriet ta' Swor Fawstina, jiena tlabt lil

wiehed artist, Eugeniusz Kazimirowski, biex ipingi x-xbiha skont l-istruzzjonijiet ta' Swor Fawstina. Ghalhekk tlabt lill-Madre Superjura biex thalli lis-soru tmur ghand l-artist u tesponilu d-dettalji tal-pittura."

Ix-xoghol fuq l-ewwel kwadru ta' Hniena Divina beda' bl-aktar mod diskret fil-bidu ta' Jannar tas-sena 1934. Tikteb il- Madre Superjura Irena Krzyżanowska : " Biex ma jkunx hemm l-attenzjoni ta' sorijiet ohra ghal dak li kienet ghaddejja minnu Swor Fawstina, kull Sibt filghodu jiena kont immur maghha ghall-quddiesa gewwa Ostra Brama u wara nghaddu nzuru l-artist li minghand Swor Fawstina kien jiehu l-istruzzjonijiet ta' kif ghandu jpitter ix-xbiha tal-Hniena Divina. Kien jaghmel hiltu kollha biex isegwi dak kollu li kienet tghidlu."

Meta tlett snin qabel kienet tkellmet fuq din id-dehra ma Padre Sopoćko, huwa kien urieha li kellu hafna mistoqsijiet fundamentali u hija fis-semplicita' taghha kienet tghaddihom lil Gesu' li spjegalha: *" Il-harsa tieghi minn din ix-xbiha hija bhal harsa tieghi mis-salib.(Djarju 326). Meta, darba, l-konfessur tiegħi qalli nsaqsi lill-Mulej Ġesu' xi jfissru ż-żewġ raġġi fix-xbieha, (nota77) jiena weġibt, 'Tajjeb ħafna, nistaqsi lill-Mulej.'*

*Waqt it-talb jiena smajt dan il-kliem ġewwa fija: Iż-żewġ raġġi jfissru Demm u Ilma. Ir-raġġ l-abjad jissimbolizza l-Ilma li jsaffi lill-erwieħ u jagħmilhom ġusti. Ir-raġġ l-aħmar jissimbolizza d-Demm li hu l-ħajja tal-erwieħ…*

*Dawn iż-żewġ raġġi ħarġu mill-qiegħ nett tal-ħniena tenera Tiegħi meta l-Qalb agonizzanti Tiegħi ġiet minfuda b'lanza fuq s-Salib.*

*Dawn ir-raġġi iħarsu lill-erwieħ mill-korla ta' Missieri. Ħieni dak li jgħammar għall-kenn tagħhom, għax l-id ġusta ta' Alla ma tmissux. Jiena nixtieq li l-Ewwel Ħadd fuq l-Għid ikun il-Festa tal-Ħniena.  (Djarju*

*299)."  Imma Padre Sopoćko kellu wkoll xi dubbji fuq l-iskrizzjoni u talab lil Swor Fawstina li tistaqsihom lil Gesu'. Hija kitbet fid-djarju taghha li Gesu' fakkaraha f'dak li kien qalilha l-ewwel darba jigifieri li dawn il-kelmiet kellhom ikunu cari u jidhru: Gesu' jiena nafda Fik" (Djarju 327).*

Wara ftit tax-xhur, f'Gunju tas-sena 1934 ix-xoghol tal-pittura fuq ix-Xbiha tal-Hniena Divina kien wasal fi tmiemu, imma Swor Fawstina ma kienitx sodisfatta, ghalkemm Padre Sopoćko u l-artist ghamlu kull ma setghu biex ikunu fidili lejn ix-xbiha ta' Gesu' .

*Darba, meta kont qiegħda nżur l-artist (Eugene Kazimierowksi) li kien qiegħed ipitter ix-xbieha, u rajt li ma kenitx sabiħa bħalma hu sabiħ Ġesu', ħassejtni qalbi sewda ħafna dwar din il-ħaġa, imma ħbejtha sewwa f'qalbi. Meta tlaqtna mid-dar tal-artist, il-Madre Superjura (Irene) baqgħet fil-belt biex tirranġa xi affarijiet filwaqt li jiena rġajt mort lura d-dar waħdi. Mort minnufih fil-kappella u bkejt ħafna. Għidt lill-Mulej, "Min ser ipenġik sabiħ kif Int?" Imbagħad smajt dan il-kliem: 'Il-kobor ta' din ix-xbieha qiegħed mhux fis-sbuħija tal-kulur, lanqas tal-pinzell imma fil-grazzja Tiegħi. (Djarju 313)*

Meta l-pittura kienet tlestiet, Padre Sopoćko qieghdha f'kuridur mudlam. "Kienet pittura b'idejat godda," jghid il-qassis," u huwa ghalhekk li jiena ma stajtx nesponiha fil-knisja minghajr il-permess ta' l-arcisqof. Ikkonfondejt li nitolbu permess u aktar li nispjegalu l-origini taghha. Imma Swor Fawstina fuq insistenza ta' Gesu' talbitu biex iqieghda fil-knisja. Fil-Gimgha Mqaddsa tas-sena 1935 qalet lil Padre Sopoćko, li dak ried Gesu' u nsistiet li titqieghed ghal tlett ijiem f'Ostra Brama fejn kellu jsir tridu ta' ceremonji qabel l-ewwel Hadd wara l-Ghid biex ifakkar gheluq il-Gublew tar-Redenzjoni tad-Dinja. Padre Sopoćko sema' li kellu jsir dan it-tridu u l-kappillan, il-kanonku Stanisław

Zawadzki stiednu biex jaghmel priedka.  “Jiena accettajt bil-kundizzjoni li l-pittura titqieghed ghal attenzjoni tal-pubbliku.”

Il-ferh ta’ Swor Fawstina kien li x-xewqa ta’ Gesu’ giet mitmuma. Il-pittura tal-Hniena Divina giet esposta ghall-qima tal-pubbliku fl-aktar post importanti gewwa Vilinius.

Padre Sopoćko bbaza l-priedka tieghu fuq il-Hniena Divina. Matulha Swor Fawstina rat lil Gesu’ fil-pittura jiehu l-hajja u r-raggi tieghu jippenetraw il-qlub tal-bnedmin migbura ghac-ceremonja. *“ Meta s-saċerdot beda jitkellem fuq il-ħniena kbira tal-Mulej, ix-xbieha ħadet il-ħajja u r-raġġi nifdu l-qlub tan-nies li kienu jinsabu miġburin hemmhekk, imma mhux kollha bl-istess mod. Xi wħud irċevew iktar, xi wħud inqas. Ferħ kbir imlieli ruħi meta jiena rajt il-grazzja ta’ Alla. Imbagħad smajt il-kliem, Int xhud tal-ħniena Tiegħi. Inti għad trid toqgħod quddiem it-tron Tiegħi għal dejjem bħala xhieda ħajja tal-ħniena Tiegħi. ” (Djarju 417)*